

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-128/12)

(2013/C 26/150)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: A. Salerno u B. Cortese, avukati)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni sabiex jiġu rkuprati, skont l-Artikolu 85(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-allowances kollha għat-tfal dipendenti li r-rikorrent irċeva indebitament u mhux biss dawk li rċeva indebitament matul l-aħħar ħames snin.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tad-9 ta' Diċembru 2011 sa fejn din, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 85(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, titlob l-irkupru tal-ammonti kollha rċevuti indebitament minn Settembru 1999 u mhux biss ta' dawk rċevuti indebitament matul l-aħħar ħames snin abbażi tal-fatt li l-Awtorità tal-Ħatra tqis li r-rikorrent intenzjonalment qarraq bl-amministrazzjoni;

— sakemm ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;

— tikkundanna lil Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-129/12)

(2013/C 26/151)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi, C. Bernard-Glanz, A. Tymen, avukati)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrenti u tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal assistenża tagħha intiża għar-rikonnoxximent ta' fastidju psikoloġiku kif ukoll talba għad-danni.

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrenti tad-19 ta' Jannar 2012;

— tannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2012, li tiċħad it-talba għal assistenża tar-rikorrenti tat-22 ta' Diċembru 2011;

— fejn ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-20 ta' Lulju 2012, irċevuta fl-24 ta' Lulju 2012, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tat-30 ta' Marzu 2012 kontra d-deċiżjoni tat-tkeċċija tagħha;

— fejn ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tat-8 ta' Ottubru 2012, irċevuta fil-11 ta' Ottubru 2012, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tat-22 ta' Ġunju 2012 imressaq kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal assistenża tagħha;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' EUR 120 000 bħala danni;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2012 — ZZ et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-132/12)

(2013/C 26/152)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ et (rappreżentanti: F. Di Gianni, G. Coppo, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal kumpens għad-danni morali subit mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-qtil ta' membru tal-familja tagħhom, uffiċjal tal-Kummissjoni, u tal-mara tiegħu.